IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 06

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**Tlieta 16 ta' Lulju 2013 fis-7.00pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 05**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G05 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 05

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 05** Punti li joħorġu mill-Minuti G 05

2.01 2.01 Il-Vici Sindku Doris Coleiro pproponiet lis-Sur Arron Bugeja. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Ħatra ta' membru mill-pubbliku sabiex jifforma parti mill-Bord tal-



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Il-Kunsillier Antoine Borg ippropona lis-Sur Joe Cachia. Issekonda din l-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament. — Aġġudikazzjoni

2.02 3.03 Is-Sindku informa l-laqgħa li ż-żewg *outline plans* tal-proġetti kienu ntbagħtu. — Laqgħa li nżammet mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Ian Borg

2.03 10.19 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien ircieva tweġiba mid-Dipartiment tal-Artijiet li l-għalqa ta' *Peter the Potter* hija parti tal-gvern u l-parti l-oħra qiegħda fil-proċess biex il-gvern jesproprja. — L-għalqa ta' *Peter the Potter*

Is-Sindku ppropona li l-għalqa msemmija għandha tiġi mnaddfa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-Proġett tal-Għajn t'Għeriexem imħejji minn 'ARC Studio', li kienu l-periti tal-kuntrattur 'NM Restorations' f'dan il-proġett li kellu jkun iffinanzjat kollu mill-*Volksbank*. — Proġett tal-Għajn t'Għeriexem

Irriżulta li skont dan ir-rapport ix-xogħlijiet ta' restawr swew €31,860 u €5,348 fi spejjeż ta' *billboards* u l-perit tal-Kunsill. Dan iffisser li l-proġett ġie jiswa €37,218, meta x-xogħol fuq ir-restawr kien stmat li ħa jiġi jiswa €8,496. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li hi qatt ma kienet ġiet infurmata bil-varjazzjonijiet u għaldaqstant fl-ebda mument ma kienet mgħarrfa. Hi ppreżentat korrispondenza mill-*Volksbank* fejn il-Kunsill qed jiġi infurmat li l-ammont massimu li ser joħroġ il-bank hu ta €17,791.55 kif miftiehem. Dan ifisser illi l-Kunsill irid jagħmel tajjeb għad-differenza ta' €19,426.

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-ammont ta' €19,426 jitħallas mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel.

3.02 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 17/2013 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-Laqgħat *online*. Wara diskussjoni li saret il-Kunsill wera x-xewqa li jdaħħal l-*online streaming* fis-seħħ is-sena d-dieħla u għalhekk ġie deċiż li nistaqsu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk din l-iskema hux ser terġa' toħroġ is-sena d-dieħla. — Memo 17/2013 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-Laqgħat *online*

3.03 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkolari AKL 39/2013 – Tħawwil ta' Siġar. Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li jitħawlu siġar fil-Ġnien ta' Għar Barka u fil-Belveder ta' Għar Barka. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ċirkulari AKL 39/2013 – Tħawwil ta' Siġar

3.04 Is-Sindku informa l-laqgħa li kien irċieva talba mingħand il-Kumitat il-ġdid tar-'Rabat Ajax Football Nursery' fejn urew ix-xewqa li l-kumitat jiltaqa' mal-Kunsill. Il-Kunsill ddeċieda li jilqa` t-talba tal-kumitat u issir laqgħa fil-ġranet li ġejjin. — Laqgħa mal-Kumitat l-ġdid tar--'Rabat Ajax Football Nursery'

3.05 Is-Sindku informa l-laqgħa li kien irċieva korrispondenza mill-Mepa li fil-ġranet li ġejjin kienu ser jibdew isiru taħditiet mal-Kunsill sabiex jiġu identifikati kwalunkwe nuqqasijiet li jeżistu fil-pjan lokali tal-Majjistral attwali. — Taħditiet dwar il-pjan lokali tal-Majjistral attwali

**4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ippropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 223 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. — L-iskeda tal-ħlasijiet numru 223

**5.00 Jum Ir-Rabat u Ġieħ Ir-Rabat**

5.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li bħal kull sena Jum ir-Rabat ser jiġi ċċelebrat fit-2 ta' Settembru. Ġie deċiż li Jum ir-Rabat jiġi ċċelebrat f'Misraħ Santu Wistin fis-7.30 ta' filgħaxija. — Jum Ir-Rabat u Ġieħ Ir-Rabat

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti dwar l-unur u r-rikonoxximenti mgħotija f'Jum ir-Rabat.

Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li Ġieħ Ir-Rabat għandu jingħata lis-Sur Noel Farrugia għall-ħidma tiegħu fil-qasam politiku u filantropiku. Is-Sindku ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Antoine Borg ippropona li jingħata rikonoxximent lil Dun Luke Seguna għall-ħidma tiegħu fil-qasam spiritwali u komunitarju. Is-Sindku ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħata rikonoxximent lis-Sur Joe Fsadni għall-ħidma tiegħu fi ħdan diversi għaqdiet fir-Rabat. Issekondat din il-proposta il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħata rikonoxximent lis-Sur Peter Paul Ciantar għall-ħidma tiegħu fil-qasam kulturali u mużikali. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li bħas-snin l-imgħoddija jingħata rikonoxximent lill-Eks-Sindku u lill-Eks-Kunsilliera li servew fl-aħħar leġiżlatura, bħala rikonoxximent għall-ħidma tagħhom fil-Kunsill. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

*** "Il-Vici Sindku staqsiet jekk hux ser jigi diskuss l-programm ta' Jum ir-Rabat u jekk hux possibli li jiehdu sehem l-group Bibita. Is-Sindku wiegeb li l-ahjar titkellem mal-Kunsillier Stephen Borg, li huwa l-Kunsillier responsabbli mil-attivita u mal-impjega li qed tghinnu fl-attivita".** — *** Din hija emenda li giet miżjuda waqt laqgħa G 07**

**6.00 Korrispondenza**

6.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1422/11** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza — Installazzjoni ta' bozza Triq Patri

fuq arblu fi Triq Patri Tumas Xerri, l-Baħrija. Tumas Xerri

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva.

6.02 B'referenza għall-korrispondenza kkomunikata mal-Kunsillier Stephen Borg datata 10/07/2013, fejn TM qed titlob il-kummenti tal-Kunsill dwar talba għal żewġ *taxi stands* ħdejn l-Għalqa ta' Kola. Il-Kunsill iddeċieda li joġġezzjona għal din it-talba. Talba għal żewġ *taxi stands* ħdejn l-Għalqa ta' Kola

*** "Wara laqgha li kellhom s-Sindku u l-Kunsillier Stephen Borg flimkien mal-enforcement officer tat-TM u r-raprezzentant tal-*coaches*, gie maqbul li l-*coaches* jibdew jipparkjaw fit-telgha tal-infetti u mhux fil-wegha tal-muzew".** *** Din hija emenda li giet miżjuda waqt laqgħa G 07**

6.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1166/13** il-Kunsill qabel illi l-perit tal-Kunsill jintalab jagħmel stima ta' kemm tiġi tiswa din ir-rampa skont il-linji gwida tal-KNPD. L-istima tal-perit terġa' tittella' għall-attenzjoni tal-Kunsill f'seduta oħra. Aċċess fiżiku fil-knisja ta' San Pawl

6.04 B'referenza għall-korrispondenza datata 2 ta' Lulju 2013 dwar irregolaritajiet fid-dawl taċ-Ċentru tas-Saħħa, il-Kunsill qabel li naraw jekk nistgħux nagħmlu użu mill-*meter* tad-dawl tas-*social security* jew inkella issir applikazzjoni għal *meter* ġdid. Irregolaritajiet fid-dawl taċ-Ċentru tas-Saħħa

Ġie deċiż ukoll li l-lift għandu jibqa' għall-użu tal-librerija reġjonali, il-*Girl Guides* u l-każin tal-futbol.

6.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0789/13** mibgħuta minn 'Heritage Malta', il-Kunsill qabel li l-*information panels* isiru fil-pjazza mal-ħajt tal-loġoġ. *Information panels ta'* Heritage Malta

6.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1026/13** dwar *patching* fi Triq Raba Nemel, il-Kunsill qabel li din it-triq titnżżel mal-lista ta' toroq li hemm ippjanati li jsiru fix-xhur u s-snin li ġejjin. Talba għal *patching* fi Triq Raba Nemel

6.07 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1030/13** il-Kunsillier Paul Grech ippropona li issir applikazzjoni mal-korporazzjoni Enemalta sabiex l-imsemmija bozoz jerġgħu jiġu mqabbda. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. Qtugħ ta' bozoz il-Kunċizzjoni L/O Baħrija

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għas-servizz tat-Tbattil u Tindif ta' *litter bins, dog bins* u *ashtrays* (RLC/T/121/13)

Intefgħu sitt offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | ***Litter Bins*** **Ewro** | ***Dog Bins*** **Ewro** | ***Ash Trays*** **Ewro** |
|---|---|---|---|---|
| 1 | W.M. Environmental Ltd | 117.18 per week | Free | 0.30 per ashtray |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 2 | Brian Caruana | 5517.60 yearly | 480.00 yearly | Free |
| 3 | Roderick Cortis | 3900.00 yearly | Free | Free |
| 4 | Frankie Mifsud | 18,300 yearly | 208.00 yearly | 260.00 yearly |
| 5 | Euro Clean Waste Services | 4880.00 yearly | 150.00 yearly | 250.00 yearly |
| 6 | Waste Collection Ltd | 2615.00 yearly | 100.00 yearly | 415.00 yearly |

Il-Bord ikkunsidra r-rati kif mitfugħa u esprima l-opinjoni li ma jistax jagħmel rakkomandazzjoni fuq din l-offerta.

Il-Bord evalwa l-kwotazzjoni mitfugħa għas-servizz ta' Manutenzjoni u Żamma tal-Latrina Pubblika tal-Baħrija (RLC/Q/0080/13)

Intefgħu tnax-il offerta hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata Ewro** |
|---|---|---|
| 1 | Verdi Operations Ltd | 4,500 |
| 2 | Neville Psaila | 2,350 |
| 3 | Joseph Vassallo | 3,000 |
| 4 | John Giordmaina | 2,500 |
| 5 | Roderick Cortis | 3,000 |
| 6 | Frankie Mifsud | 4,600 |
| 7 | Sandro Caruana | 2,900 |
| 8 | Waste Collection Limited | 2,155 |
| 9 | Anthony Formosa | 4,000 |
| 10 | Emidio Camilleri (Alex) | 3,000 |
| 11 | Brian Caruana | 3,200 |
| 12 | Euro Clean Waste Services | 3,970 |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Neville Psaila peress li hi t-tieni l-irħas offerta mitfugħa u dejjem ta servizz tajjeb lill-Kunsill.

Il-Bord evalwa l-kwotazzjoni mitfugħa għas-servizz ta' – Knis manwali – Żona 5 – Baħrija (RLC/Q/0081/13)

Intefgħu ħdax-il kwotazzjoni hekk kif ġej:

| | Isem | Rata ewro |
|---|---|---|
| 1 | Mario Borg | 4,100 |
| 2 | Frankie Mifsud | 3,995 |
| 3 | Anthony Formosa | 4,400 |
| 4 | Brian Caruana | 3,500 |
| 5 | Sandro Caruana | 2,900 |
| 6 | Charles & Joseph Gauci | 4,000 |
| 7 | Emidio Camilleri (Alex) | 3,000 |
| 8 | W.M. Environmental Ltd | 3,600 |
| 9 | Euro Clean Waste Services | 3,150 |
| 10 | Owen Borg | 2,900 |
| 11 | Waste Collection Ltd | 2,459 |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u, bit-tliet voti favur, wieħed kontra u astensjoni, qabel li jirrakkomanda lill-offerent Charles & Joseph Gauci peress li dejjem taw servizz tajjeb lill-Kunsill.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 7 tal-aġenda.**

**7.00 Għażla tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* - RLC/T/121/13**

7.01 Is-Sindku ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord jitlob kjarifikazzjoni lill-offerenti Brian Caruana u lil Euro Cleaners Waste Sevices. Il-Viċi Sindku ssekondat din il-mozzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament u li deċiżjoni fuq din l-offerta tittieħed f'seduta oħra. Għażla tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays*- RLC/T/121/13

**8.00 Għażla tal-kwotazzjoni għall-Manutenzjoni u ż-Żamma tal-Latrina Pubblika fil-Baħrija – RLC/Q/0080/13**

8.00 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-kwotazzjoni għall-Manutenzjoni u ż-Żamma tal-Latrina Pubblika fil-Baħrija lill-offerent Neville Psaila peress li hi t-tieni l-irħas offerta mitfugħa u dejjem ta servizz tajjeb lill-Kunsill. Issekonda din il-mozzjoni s-Sindku. Il-Kunsill qabel unanimament. Għażla tal-kwotazzjoni għall-Manutenzjoni u ż-Żamma tal-Latrina Pubblika fil-Baħrija – RLC/Q/0080/13

**9.00 Għażla tal-kwotazzjoni għall-Knis Manwali tat-Toroq fil-Baħrija –Żona 5 – RLC/Q/0081/13**

9.01 Il-Kunsillier Paul Grech ippropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-kwotazzjoni għall-Knis Manwali tat-Toroq fil-Baħrija –Żona 5 lill-offerent Charles u Joseph Gauci peress li dejjem taw servizz tajjeb lill-Kunsill. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet b'ħames voti favur, tlieta kontra u astensjoni.

Għażla tal-kwotazzjoni għall-Knis Manwali tat-Toroq fil-Baħrija – Żona 5 – RLC/Q/0081/13

Fuq talba għal *division* tal-vot irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera Paul Grech, Andrew Mallia u Peter Paul Azzopardi. Il-voti kontra kienu tal-Kunsilliera Antoine Borg, Ian Vassallo u Stephen Borg. L-astensjoni kienet tal-Kunsillier Nazju Cassar.

**10.00 Tiġdid ta' kwotazzjoni għal servizz ta' avukat - Q/074/11**

10.01 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni Q/074/11, għal servizz ta' avukat sabiex din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għal servizz ta' avukat - Q/074/11

**11.00 Tiġdid ta' kwotazzjoni għat-tisqija u żamma tal-pjanti - Q/075/11**

Is-Sindku ressaq kwotazzjoni Q/075/11 għat-tisqija u żamma tal-pjanti, sabiex din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda

Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-tisqija u żamma tal-pjanti - Q/075/11

**12.00 Tiġdid tal-offerta tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita – T/0106/2012**

12.01 Is-Sindku ressaq l-offerta T/0106/2012 tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita, sabiex din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita – T/0106/2012

**13.00 Tiġdid tal-offerta tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Ġnien Bir Iljun – T/0107/2012**

13.01 Is-Sindku ressaq l-offerta T/0107/2012 tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Ġnien Bir Iljun, sabiex din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Ġnien Bir Iljun – T/0107/2012

**14.00 Ħruġ ta' offerta għall-kostruzzjoni ta' bankini**

14.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' bankini. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ ta sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' bankini

**15.00 Ħruġ ta' offerta għall-pubblikazzjoni tal-Kunsill 'Ir-Rabta'**

15.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-pubblikazzjoni tal-Kunsill 'Ir-Rabta'. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għall-pubblikazzjoni tal-Kunsill 'Ir-Rabta'

**16.00 Ħruġ ta' offerta konġunta mal-Kunsill Lokali Mosta – 'Xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-Ġnien tal-Katakombi ta' Bistra, Żona A, il-Mosta u fuq il-Katakombi ta' Santu Wistin Ir-Rabat'.**

16.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti konġunt mal-Kunsill Lokali Mosta sabiex isir xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-Ġnien tal-Katakombi ta' Bistra, Żona A, il-Mosta u fuq il-Katakombi ta' Santu Wistin Ir-Rabat. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti konġunta mal-Kunsill Lokali Mosta – Progett Archaeotur

**17.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija A28, A29 u A30**

17.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A28, A29 u A30 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti Minuti KA Baħrija A28, A29 u A30

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fis-9.20 p.m.

**18.00 Materji Oħra**

18.01 Il-Sindku Charles Azzopardi ppropona li ssir manutenzjoni ta' Triq il-Konti Ruggieru bejn Triq Sant'Antnin u Triq Santa Marija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Is-Sindku qal li skont l-istima tal-perit din it-triq ser tiġi tiswa €7,970 (VAT esklużа). Il-Kunsill qabel unanimament li jsir ix-xogħol fuq triq l-imsemmija. Manutenzjoni ta' Triq il-Konti Ruggieru bejn Triq Sant'Antnin u Triq Santa Marija.

18.02 Il-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-isqaq t'Għeriexem jingħata l-*concrete sealer* minħabba li diversi residenti qed jilmentaw li l-imsemmi sqaq ġie jiżloq ħafna minn meta sar bil-*crete print*. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Sqaq t'Għeriexem

** Il-Kunsillier Paul Grech talab li jiġi skużat fl-9.40 p.m.

18.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li Triq Borg Olivier bejn bieb nru. 46 u bieb nru. 50 it-triq qed izzomm hafna ilma. Hu qal ukoll li fl-istess triq hemm trinka li ghandha bzonn manutenzjoni ghax l-asfalt nizel. Il-Kunsill qabel li jikteb lil TM. Manutenzjoni Triq Borg Olivier

18.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li l-Ġnien ta' Għar Barka jinsab mitluq. Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-ġnien kien beda' jitnaddaf fil-jiem li għaddew. Ġnien ta' Għar Barka

18.05 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro talbet li jsir qtugħ ta' ħaxix fi Triq Għar Barka u t-Triq tal-Virtù minn ħdejn is-sorijiet sal-palazz. Il-Kunsill qabel. Qtugħ ta' ħaxix fi Triq Għar Barka u t-Triq tal-Virtù

18.06 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro talbet li titnaddaf l-għalqa li hemm ġo Triq Bir Iljun. — Tindif ta' għalqa ġo Triq Bir Iljun

18.07 *** "Il-Vici Sindku staqsiet jekk il-Kunsill kellux risposta minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar ir-rapport bis-suggett 'il-pozizzjoni u l-operat finanzjaru tal-Kunsill'. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li l-Kunsill kien ghadu ma rceviex ir-risposta finali".** — *** Din hija emenda li giet miżjuda waqt laqgħa G 07**

18.08 Il-Kunsillier Stephen Borg qal li miċ-ċimiterju kien qed joħrog ħafna wirdien. Hu talab li jsir rapport lis-sanità. Il-Kunsill qabel. — Wirdien ħiereġ miċ-ċimiterju

18.09 Il-Kunsillier Stephen Borg qal li l-isqaq faċċata ta' Pulo ġo Triq il-Kulleġġ qed iżomm l-ilma. Il-Kunsill qabel li tintalab stima lill-perit għal dan ix-xogħol. — Sqaq Triq il-Kulleġġ

18.10 Il-Kunsillier Stephen Borg issuġġerixxa li l-Kunsill jibda jorganizza lezzjonijiet tal-*keep fit* jew taz-*zumba*. — Lezzjonijiet tal-*keep fit* jew taz-*zumba*.

**19.00 Data tas-seduta li jmiss**

19.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Awwissu 2013 fis-7.00 ta' filgħaxija.

19.02 Il-laqgħa ntemmet fl-9.55 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 20 ta' Awwissu 2013

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**